MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 795/2008/1

**Charles Grech & Co Limited (C2473)**

**v.**

**Karl Vella Petroni u Joseph John Azzopardi t-tnejn f'isimhom proprio u ghan-nom u in rapprezentanza ta' PBA Limited (C38972)**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` attrici pprezentat fil-5 ta' Awwissu 2008, li jaqra hekk:

"1. Illi s-socjeta` PBA Limited ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Euro 11,934.87 liema somma tirraprezenta bilanc minn somma akbar ta' prezz ta'

xoghol mibjugh u konsenjat lis-socjeta` konvenuta, kif jirrizulta minn *statement* tas-socjeta` attrici, denominat f'Liri Maltin prezentat mar-rikors bhala Dok A.

"2. Illi permezz ta' skrittura privata prezentata mar-rikors bhala Dok B u datata 28 ta' Settembru 2006, il-konvenut Karl Vella Petroni u Joseph John Azzopardi accettaw illi personalment jiggarantixxu d-djun li s-socjeta` konvenuta taghmel mas-socjeta` attrici.

"3. Illi *ai termini* tal-artikolu 115 tal-Kap 13, kull min jiggarantixxi dejn kummercjali huwa marbut solidali mad-debitur principali.

"4. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u ghalkemm interpellati, anke ufficjalment, il-konvenuti *proprio et nomine* baqghu inadempjenti.

"Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici il-konvenuti *proprio et nomine* m'ghandhomx eccezzjoni valida x'jaghtu kontra din l-azzjoni u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex it-talbiet tal-attur *proprio et nomine* jigu decizi bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12).

"Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

"1. Tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

"2. Tikkundanna lill-konvenuti Karl Vella Petroni u Joseph John Azzopardi, f'isimhom *proprio* u ghan-nom ta' PBA Limited ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' Euro 11,934.87 liema somma tirrapprezenta bilanc minn somma akbar ta' prezz ta' xoghol mibjugh u konsenjat lis-socjeta` konvenuta, u l-hlas ta' liema bilanc gie garantit mill-konvenuti *proprio*.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Jannar 2008 u tal-mandat ta' sekwestru li gie ntavolat kontestwalment [u b'korrezzjoni awtorizzata tas-26 ta'

Novembru, 2008 gew mizjuda l-kliem] *u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja*, kontra l-konvenuti proprio et nomine, li gew ingunti ghas-subizzjoni."

Rat illi b'digriet tal-20 ta' Mejju, 2009 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili awtorizzat lill-Joseph John Azzopardi biss li jressaq risposta ghat-talbiet attrici;

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph John Azzopardi li in forza taghha eccepixxa illi:

"1. Illi in linja preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti l-intimat jeccepixxi n-nullita` tar-rikors guramentat promutur *ai termini* tal-artikolu 789 ta' l-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"2. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif premessi mil-ligi."

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2010, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Azzopardi, bl-ispejjez kontra tieghu;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Din hija decizjoni limitatament fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni. Dan minhabba li l-intimat Azzopardi eccepixxa n-nullita` tar-rikors guramentat promutur *ai termini* ta' l-artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Dan l-artikolu jghid hekk:

""789. (1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata –

“(a) jekk in-nullità hija iddikjarata mil-ligi espressament;

“(b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;

“© jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta’ nullità, kemm il-darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-att jigi annullat;

“(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:

“Izda dik l-eccezzjoni ta’ nullità kif mahsuba fil-paragrafi (*a*), (*c*), u (*d*) ma tkunx tista’ tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.

“(2) L-eccezzjoni ta’ nullità ta’ att, taht is-subartikolu (1)©, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità.”

“L-intimat fir-risposta tieghu ma semmiex specifikament ghal xiex qieghed jirreferi izda fin-nota tieghu jghid:

““Illi din l-eccezzjoni nghatat peress illi l-istess rikors promutur kien “nieqes minn xi partikolarita` essenzjali espressament mehtiega mil-ligi”, u dan *ai termini* tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Illi dan qed jinghad peress illi r-rikors promutur, li gie intavolat nhar il-hamsa (5) ta’ Awissu 2008, kien gie mahluf fl-istess gurnata minn certa Deandra Zammit (ID 486486M), liema persuna ma jidhirx illi kienet awotrizzata sabiex tipprezenta lil jew tagixxi ghan-nom tas-socjeta` attrici dakinhar illi gie pprezentat ir-rikors promutur.”

“Issa l-Artikolu 181°(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid illi:

““Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li ghandha tinhalef skond il-ligi ghandha, fil-kaz ta’ korp li jkollu personalita` guridika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta’ dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f’ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, risposta guramentata jew skrittura bhal dawk imsemmija.”

“Is-socjeta` rikorrenti min-naha taghha issostni li hija kienet awtorizzat lil Deandra Zammit sabiex tipprezenta lill-istess socjeta` rikorrenti; barra minn hekk is-socjeta` rikorrenti ipprezentat dokumentazzjoni sabiex turi li fil-fatt Deandra Zammit kienet awtorizzata li tirrapprezentaha; ix-xhieda imressqa mis-socjeta` rikorrenti kkonfermaw li Deandra Zammit kienet awtorizzata tirrapprezenta lis-socjeta` attrici. Inoltre kif issostni l-istess rikorrenti, hu espressament u tacitament ikkonfermat l-agir ta’ Deandra Zammit. Mix-xhieda ta’ Stuart Farrugia moghtija fis-seduta tas-sittax (16) ta’ Novembru 2009 irrizulta illi Deandra Zammit kienet ilha “*judicial representative* ta’ Charles Grech & Co Ltd minn Awwissu 2008”. Ir-rikors gie intavolat fil-5 ta’ Awissu, 2008. Minn dokument iehor prezentat jirrizulta li Peter Bonello kien gie appuntat bhala rapprezentant guridiku tas-socjeta` attrici fil-pretensjonijiet li din ikollha fil-konfront ta’ debituri moruzi taghha.

“L-intimat Azzopardi insista li:

““l-awtenticita` ta’ dan l-istess dokument hija dubjuza meta wiehed jikkonsidra l-fatt illi kemm id-dokument ‘SF1’ u kif ukoll id-dokument ‘SF2’ huma rizoluzzjonijiet illi permezz taghhom, il-persuni illi gew awtorizzati bir-rapprezentanza guridika tas-socjeta` attrici, gew hekk awtorizzati b’mod mill-izjed ampju u wiesa’, filwaqt illi r-rizoluzzjoni kontenuta fid-dokument ‘KB1’ hija wahda limitata biss ghall-vertenzi ezistenti bejn is-socjeta` attrici u l-konvenuti indikati fil-kawza odjerna...”
“Ikkunsidrat illi l-intimat ma semmiex taht liema sub-artikolu qieghed jattakka l-validita` tar-rikors guramentat.

Hu ovvju li biex ikun hemm eccezzjoni valida dan irid jissemma.

"L-intimat ma semmiex specifikament li kien hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi b'mod li ikkawzatlu pregudizzju li ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat. U ovvju li l-fatti ma jwasslux ghal dan.

"Inoltre jekk wiehed jassumi li l-intimat kien qieghed jirreferi ghall-artikolu 789 (1) (d) tal-Kap. 12 u cioe` li jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi, dan il-fatt zgur ma jinkwadrax ruhu fl-ambitu ta' dak li jippreskrivi l-artikolu.

"Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Edwin u Josephine konjugi Zammit vs Is-socjeta` Group 9 Limited** deciza fl-10 ta' Lulju 1997 minn din il-Qorti diversement preseduta il-Qorti kienet tat lis-socjeta` konvenuta zmien sabiex jirratifikaw il-posizzjoni. F'dak il-kaz l-atturi kienu talbu l-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet peress li dawn ma kienux gew mahlufa mill-persuna vestita bir-rappresentanza guridika tas-socjeta`, u lanqas ma kien hemm ebda rizoluzzjoni li kienet irratifikat dan l-agir.

"Inoltre *ai termini* ta' l-artikolu 1857 (2) tal-Kap. 16, il-mandat m'ghandux ghalfejn ikun bil-miktub, izda jista' jkun verbali u sahansitra tacitu.

""1857. (2) Bla hsara ta' kull disposizzjoni specjali ohra tal-ligi, il-mandat jista' jinghata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, jew bil-fomm, jew ukoll tacitament."

"Kif tosserva l-istess rikorrenti:

""Dan ifisser li s-socjeta` attrici setghet anke verbalment awtorizzat lil Deandra Zammit sabiex tipprezenta l-kawza ghan-nom taghha, u anke setghet taghti tali mandat tacitament minghajr biss harget dokument wiehed.""

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut Joseph John Azzopardi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"... ... tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili kif preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Lino Farrugia Sacco, fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi u konsegwentement tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellant kollha li jidhrilha xierqa u opportuni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata."
Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-Ufficjal Ricevitur u Stralcjarju tal-kumpanija PBA Ltd, li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-appell tal-konvenut Azzopardi irrimetta ruhu ghal ghaqli apprezzament ta' din il-Qorti, u fit-tieni lok, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"... ... tilqa' l-appell incidentali tal-esponenti billi tiddikjara li ma ntalabx il-permess mehtieg ai termini tal-Artikolu 224(2) tal-Att Dwar il-Kumpaniji, Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant il-proceduri kontra l-Kumpanija PBA Limited (C38972) quddiem l-Onorabbli l-Ewwel Qorti fil-konfront taghha huma nulli u bla effett, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant Joseph John Azzopardi, il-konvenut Karl Vella Petroni u l-appellat Charles Grech & Co Limited (C2473)."

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici ghall-appell incidentali ta' PBA Ltd li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet sabiex l-istess appell incidentali jigi michud bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-konvenut Joseph John Azzopardi ghall-appell incidentali ta' PBA Ltd li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab ukoll sabiex l-istess appell incidentali jigi michud bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ghall-hlas ta' somma li tirrapprezenta bilanc ta' somma akbar, prezz ta' xoghol mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta. Il-kawza infethet fil-5 ta' Awwissu, 2008, u giet mahlufa minn Deandra Zammit f'isem is-socjeta` attrici. Il-konvenut eccepixxa n-nullita` tar-rikors guramentat, peress li jirrizulta li kien biss fis-6 ta' Awwissu 2008, li Deandra Zammit giet mahtura bhala rapprezentanta gudizzjarja tas-socjeta` attrici.

L-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni wara li kkunsidrat li, fil-fatt, Deandra Zammit kienet awtorizzata sabiex tidher ghas-socjeta` attrici ghal fini ta' din il-kawza, u, f'kull kaz, il-kumpanija irratifikat dak li ghamlet f'isimha l-istess Ms. Zammit.

Il-konvenut Joseph John Azzopardi appella mis-sentenza, u irrefera ghall-Artikolu 181A(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet tal-Malta) li jrid li meta tinhalef skrittura ghal fini ta' proceduri gudizzjarji, din trid issir mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dik il-kumpanija, jew minn persuna ohra li tkun ghalhekk awtorizzata bil-miktub.

Din il-Qorti ma taccettax is-sottomissjoni tal-konvenut. Jirrizulta li Deandra Zammit kienet awtorizzata verbalment tiftah din il-kawza, u l-Bord tad-Diretturi kien ukoll ghadda rizoluzzjoni jahtarha bhala rapprezentanta tieghu ghal fini ta' dawn il-proceduri. Il-konvenut iqajjem dubbju dwar id-data ta' din ir-rizoluzzjoni (15 ta' Lulju 2008), pero`, anke jekk, fil-fatt, tkun ittiehdet wara l-ftuh tal-kawza, kumpanija hija intitolata tirratifika u tqis validu dak kollu li jkun sar f'isimha minn xi haddiehor. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Vella Camilleri et v. Micro Technology Consultancy Ltd et**, deciza fid-29 ta' Ottubru 2012:

*"Kif il-Qrati taghna kellhom gia` okkazjoni jippronunzjaw, dawn huma kwistjonijiet interni tal-kumpanija u allura t-terz ma jistax jinvokahom biex ihassar ftehim li jkun ghamel huwa stess mal-kumpanija sia pure r-regoli ta' dik il-kumpanija setghu ma kienux jippermettu lil min jidher fuq il-kuntratt biex jaghmel dan. Ghalhekk it-talba rigward din il-kawzali hija michuda."*

Dan ifisser li terz ma ghandux jintrometti ruhu fl-affarijiet interni ta’ kumpanija, u jekk din tirratifika u taghmel taghha dak kollu li apparentament sar f’isimha – ghalkemm mhux strettament skont ir-regoli tal-kumpanija – dak l-agir jitqies validament maghmul f’isem l-istess kumpanija (ara wkoll **Borg noe v. Fenech et noe**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Novembru 2002).

L-appell principali qieghed, ghalhekk, jigi michud.

Rigward l-appell incidentali, il-Qorti ma tistax tqis l-istess appell bhala validu. Il-ligi, fl-Artikolu 240 tal-imsemmi Kap. 12, jippermetti appelli incidentali minn dawk il-partijiet tas-sentenza appellata jew digrieti li minnhom ma jkunx sar appell; ma jistax jitressaq appell, principali jew accidentali, minn kwistjoni mhux deciza mill-Qorti Inferjuri. F’dan il-kaz, l-Ufficjal Ricevitur u Stralcjarju tal-kumpanija konvenuta PBA Ltd, qed jissottometti illi darba li l-kumpanija marret fi stralc fl-14 ta’ Ottubru 2010, biex il-kawza setghet titkompla, ried jinghata l-permess esplicitu mill-Qorti li ordnat ix-xoljiment u stralc tal-kumpanija PBA Ltd, u dan kif jitlob l-Artikolu 224(2) tal-Att dwar il-Kumpanija (Kap. 386 tal-Ligijiet ta’ Malta). Din il-kwistjoni pero`, la giet sollevata quddiem l-ewwel Qorti, u wisq anqas deciza, u kif inhu risaput, din il-Qorti bhala qorti ta’ revizjoni, ma tistax tidhol biex tezamina kwistjonijiet li ma jkunux gew trattati mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti mhux qed tghid li dan il-punt sollevat mhux rilevanti ghal fini ta’ din il-kawza, u lanqas sejra tichad l-appell incidentali; li qed tghid hu li l-appell incidentali, kif issa propost, huwa irritwali ghax jittratta punt li ma jinsabx diskuss fis-sentenza appellata. Peress li l-atti ser jigu rinvjati lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma’ l-kaz skont il-ligi, jibqa’ impregudikat id-dritt tal-Ufficjal Ricevitur u Stralcjarju tal-kumpanija PBA *si et quatenus,* li formalment jissolleva dan il-punt quddiem dik il-Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut Joseph John Azzopardi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata, u

tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-appell incidentali tal-Ufficjal Ricevitur u Stralcjarju tal-kumpanija PBA Ltd peress illi tqis l-istess irritwali.

L-ispejjez kollha tal-kawza sa issa jithallsu mill-konvenut appellant Joseph John Azzopardi.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------